



Brussell, 30 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14859/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0329(COD)**

**MIGR 206
COMIX 655
CODEC 2135**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12099/18 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni) - Rapport ta' progress

Ir-ritorni effettivi huma kruċjali għal politika ta' ġestjoni effiċjenti u olistika tal-migrazzjoni. Għalhekk, ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fl-UE illegalment hija waħda mill-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni. Id-Direttiva dwar ir-Ritorn 2008/115/KE adottata fl-2008 stabbiliet standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment filwaqt li jitħarsu d-drittijiet fundamentali tagħhom u l-prinċipju ta' *non-refoulement*. Sa mill-adozzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn fl-2008, l-isfidi fil-politika ta' ritorn tal-UE nbidlu u żdiedu konsiderevolment. Filwaqt li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-aġenziji diġà għamlu sforzi sinifikanti, l-għadd globali ta' ritorni għadu mhux sodisfaċenti u għalhekk, jenħtieġ li jiżdied b'mod sinifikanti.

Fit-12 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn (riformulazzjoni), li tinkludi għadd ta' emendi mmirati filwaqt li ma taffettwax il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva oriġinali dwar ir-Ritorn. Il-bidliet proposti għandhom l-għan li jindirizzaw uħud mill-isfidi u l-kwistjonijiet legali u prattiċi, li xi drabi jirriżultaw minn interpretazzjonijiet diverġenti tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva attwali dwar ir-Ritorn. Id-Direttiva riveduta dwar ir-Ritorn għandha l-għan li timmassimizza l-effettività tas-sistema tal-UE dwar ir-ritorn u tiżgura applikazzjoni aktar konsistenti fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jitħarsu d-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' *non-refoulement*.

Il-Kummissjoni pproponiet il-bidliet li ġejjin għad-Direttiva dwar ir-Ritorn tal-UE: proċeduri aċċelerati fuq il-fruntiera, proċeduri aktar ċari u rapidi għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' ritorn, inkluż l-obbligu li tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn b'rabta mat-terminazzjoni ta' soġġorn legali, proċeduri ta' appell simplifikati, obbligu ta' kooperazzjoni għal persuni soġġetti għal proċedura ta' ritorn, approċċ aktar strett għal tluq volontarju, regoli ċari dwar id-detenzjoni, lista komuni u mhux eżawrjenti ta' kriterji oġġettivi għad-determinazzjoni tar-riskju ta' ħarba, sistema ta' ġestjoni ta' ritorn u l-possibbiltà li tinħareġ projbizzjoni fuq id-dħul waqt il-verifiki fuq il-fruntieri mal-ħruġ mill-pajjiż. Waħda min-novitajiet ewlenin proposti kienet l-istabbiliment tal-proċedura fuq il-fruntieri li tippermetti r-ritorn rapidu ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali, li l-applikazzjoni tagħhom ġiet miċħuda wara proċedura tal-asil fuq il-fruntieri prevista fl-Artikolu 41 tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil, sabiex jiġu evitati diskrepanzi bejn il-proċeduri u tiġi żgurata l-komplementarjetà.

Mindu ġiet ippreżentata l-proposta, għadd sostanzjali ta' diskussjonijiet f'formati differenti ġew organizzati mill-Presidenza rigward id-Direttiva riveduta dwar ir-Ritorn.

L-ewwel skambji ta' fehmiet dwar id-Direttiva riveduta dwar ir-Ritorn diġà saru fil-laqgħa informali ta' SCIFA fl-20 u l-21 ta' Settembru 2018. Fil-Kunsill ĠAI ta' Ottubru, id-delegazzjonijiet skambjaw ukoll il-kummenti ġenerali tagħhom dwar il-leġislazzjoni proposta. Il-grupp ta' ħidma dwar l-Integrazzjoni, il-Migrazzjoni u t-Tkeċċija (IMEX) kellu dibattiti estensivi dwar l-artikoli kollha tad-Direttiva riveduta dwar ir-Ritorn fil-laqgħat tad-9 ta' Ottubru, id-9 ta' Novembru u t-3 ta' Diċembru 2018. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-fajls differenti u biex jiġihaffu n-negozjati, il-Presidenza organizzat diversi dibattiti orizzontali dwar SCIFA fit-23 u l-24 ta' Ottubru 2018 u fil-livell ta' kunsillieri ĠAI fl-20 ta' Novembru u d-29 ta' Novembru 2018 dwar il-proċeduri fuq il-fruntieri kif indikat fir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil, id-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza, il-Kodiċi tal-Fruntiera ta' Schengen u d-Direttiva riveduta dwar ir-Ritorn u r-rimedji tal-Artikolu 16. Laqgħa oħra tal-kunsillieri ĠAI hija skedata għat-12 ta' Diċembru 2018 biex tiġi eżaminata aktar id-Direttiva riveduta dwar ir-Ritorn.

Id-diskussjonijiet li saru s'issa jindikaw li, b'mod ġenerali, hemm kunsens dwar id-direzzjoni tad-Direttiva riveduta dwar ir-Ritorn lejn approċċ aktar strett għar-ritorni. Inkiseb progress sinifikanti lejn qbil fir-rigward tal-lista ta' fatturi li jindikaw ir-riskju ta' ħarba, l-obbligu għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' kooperazzjoni, l-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar ir-ritorn, l-għoti ta' tluq volontarju, il-possibbiltà li tinħareġ projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma tinħareġ deċiżjoni dwar ir-ritorn, it-tfassil u l-modalitajiet tas-sistema ta' ġestjoni tar-ritorni kif ukoll programmi nazzjonali dwar ir-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni.

Fl-istess waqt, għadd ta' kwistjonijiet jeħtieġu diskussjoni fil-fond ulterjuri bil-ħsieb li jintlaħaq kunsens. Xorta għandu jsir dibattitu dwar il-possibbiltà li ċittadin ta' pajjiż terz jirritorna lejn kwalunkwe pajjiż terz sikur u mhux biss lejn il-pajjiż ta' oriġini jew ta' transitu. Din l-opzjoni ntalbet ripetutament minn diversi Stati Membri diġà fil-fażi ta' konsultazzjoni f'Lulju u tespandi b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva riveduta dwar ir-Ritorn u mhijiex prevista fil-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva riveduta dwar ir-Ritorn.

Possibbiltà oħra mhux prevista fil-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva riveduta dwar ir-Ritorn, iżda li ġiet indirizzat wkoll minn xi delegazzjonijiet hija l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stati Membri oħra. Madankollu, ta min jinnota li l-leġislazzjoni attwali tal-UE diġà tippermetti din l-opzjoni. Barra minn hekk, ir-reviżjoni li jmiss tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ser tippermetti li l-Istati Membri jaraw id-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stati Membri oħra. Jista' jkun utli li jiġi evalwat il-valur miżjud ta' dawn il-possibbiltajiet ġodda qabel ma jittieħdu l-passi 'l quddiem li jmiss.

L-Artikolu 16 dwar ir-rimedji u l-Artikolu 22 dwar il-proċeduri fuq il-fruntieri jeħtieġu wkoll aktar diskussjonijiet fil-fond. Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Artikolu 16 indikat sistema kumplessa ta' rimedji kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn, bil-ħsieb tal-armonizzazzjoni sa ċertu punt id-diversità kbira ta' rimedji attwalment disponibbli fi Stati Membri differenti. Diġà saru diskussjonijiet intensivi fir-rigward ta' dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-artikolu, inkluż dwar il-possibbiltà li jitressaq appell kontra deċiżjoni ta' ritorn quddiem awtorità amministrattiva, li l-appell jiġi eżaminat minn iktar minn livell wieħed ta' awtorità ġudizzjarja, l-effett suspensiv tal-appelli, l-iskadenzi għall-preżentazzjoni tal-appelli.

L-Artikolu 22 dwar il-proċedura fuq il-fruntieri għar-ritorni qajjem ħafna diskussjonijiet, speċjalment fir-rigward tan-natura u l-ambitu tal-applikazzjoni ta' din il-proċedura ġdida. Minkejja d-diskussjonijiet li għaddejjin rigward ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil, jidher li nkiseb fehim komuni li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura definita fl-Artikolu 22 tad-Direttiva dwar ir-Ritorn għandu jsegwi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 41 tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil. Uħud mid-delegazzjonijiet kienu ferm konvinti li din il-proċedura għandha tiġi applikata biex tittieħed deċiżjoni dwar jekk ċittadini ta' pajjiżi terzi li jfittxu protezzjoni internazzjonali għandhomx jingħataw aċċess għat-territorju tal-Istati Membri.

Il-Presidenza Awstijaka hija determinata li tagħmel kemm jista' jkun progress rigward id-Direttiva dwar ir-Ritorn sa tmiem it-terminu tagħha sabiex tiġi stabbilita sistema tal-UE tal-migrazzjoni li tkun verament reżiljenti u effettiva.
